# Stqarrija Għall-Media

492, Flat 3, St. Joseph High Rd., St. Venera, SVR1014, Malta.
**Tel**: (+356) 21484506 **Fax**: (+356) 21482656 **Email**: info@kdz.org.mt **Website**: www.kdz.org.mt

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Lill:** | Media Kollha | **Attn:** | L-Editur |
| **Minn:** | KDŻ Marketing Team | **Data:** | 20/04/09 |
| **Ref:** | KDŻ 08/09 | **Paġni:** | 1 |

Għażiż Editur,

Qed nibgħatlek dan it-tagħrif għall-informazzjoni tiegħek u għall-pubblikazzjoni. Nixtieq nirringrazzjak bil-quddiem tas-servizz u ta' kull pubbliċita' li tista' tagħtina sabiex inkomplu ngħinu liż-żgħażagħ Maltin li magħhom qegħdin naħdmu.

## Konkors Kanzunetta Uffiċjali Jum iż-Żgħażagħ 2009
## Riżultati

Il-Konkors Kanzunetta Uffiċjali Jum Iż-Żgħażagħ ta' din is-sena ġab flimkien xejn inqas minn għaxar Christian Bands lokali li taw esperjenza ħajja tat-twemmin u il-fidi tagħhom permezz tal-mużika, fit-Teatru Aurora Ħal Balzan, is-Sibt 18 ta' April. Il-Konkors beda fis-7:00pm permezz ta' żifna miż-żgħażagħ taċ-Ċentru taż-żgħażagħ ta' Ħal Balzan, filwaqt li l-bands komplew bl-aħħar preparamenti tagħhom qabel ma jitilgħu fuq il-palk u jsemmgħu il-kanzunetti tagħhom fuq it-Tema magħżula mil-Papa Benedittu XVI liż-żgħażagħ għal din is-sena li huwa, **"It-tama tagħna hi f'Alla l-ħaj"** (1 Tim 4,10). L-għaxar kanzunetti li gew imħejjija apposta mill-bands għal dan il-Konkors huma xhieda tal-fidi ħajja u l-entużjażmu taż-żgħażagħ li jużaw it-talenti tagħhom tal-mużika biex iwasslu messaġġ pożittiv.

It-Teatru Aurora kien mimli daqs bajda, u mhux anqas minn tliet mitt żagħżugħ/a kienu qed jissapportjaw lil-bands kif ukoll ifaħħru lil Alla permezz tal-mużika u l-ispirtu ferrieħ li tnissel ġewwa fihom matul il-Konkors kollu. Minn naħa tagħhom, il-bands irnexxilhom iżommu lil udjenza fuq saqajha għall-tliet sigħat sħaħ u l-ispirtu żagħżugħ kien jimla it-Teatru kollu. Il-'line-up' tal-Konkors kien **Immediate Denial, Altaer, Followers, Crossbows, Switchphonik, His Project, Counterbalance & Roberta, Cornerstone, Footprints, u Crossroads.** Wara li l-bands daqqew il-kanzunetti tagħhom, kien imiss issa lill-ġurija imħejjija apposta biex tiddeċiedi liema kienet dik id-diska l-aktar addattata biex tirrappreżenta liż-żgħażagħ għas-sena 2009. Dan kien ghall-ħabta tad-9:30pm. L-għażla kienet waħda diffiċli, u l-Ġurija damu aktar minn tliet kwarti biex jieħdu d-deċizjoni finali tagħhom li kienet:

**L- Aħjar Kanzunetta:** 'Tamitna Fih' - Counter Balance & Roberta
**L-Aħjar Interpretazzjoni:** 'It-Tama Taghna fil-Mulej' **-** Footprints
**L- Aħjar Lirika: 'Tapestry' –** Cornerstone

Il-membri tal-ġurija spjegaw kif għalihom il-bands kollha kienu rebbiħin minħabba l-livell għoli tal-kanzunetti kif ukoll il-*performance* eċċellenti tal-bands. Wara ingħataw *tokens* ta' apprezzament lil kull band kif ukoll it-*trophies* lil-bands rebbieħa. Il-kanzunetta magħżula għal din is-sena: **'Tamitna Fih'** reggħet indaqqet għall-aħħar darba mill-band **CounterBalance & Roberta** fost iċ-ċapcip u l-għajjat ta' dawk preżenti. Il-video tad-diska meħud *live* mill-Konkors diga qiegħed fuq *YouTube*.

Ta' min isemmi li l-Konkors li jittella' b'inizjattiva tal-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ (KDŻ), huwa l-unika wieħed tax-xorta tiegħu f'Malta, u din is-sena il-koordinament tieghu sar flimkien maċ-Ċentru taż-żgħażagħ ta' Ħal Balzan. Għal aktar informazzjoni dwar il-Konkors u ritratti tal-attivita' tistgħu iżżuru is-sit elettroniku www.awakeningasaph.org.

________________________________________TMIEM■■■■_______